**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 150

It-Tlieta, 3 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

*** 9864. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru permezz tas-Segretarjat Parlamentari jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu/tagħha u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

*** 9865. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

*** 9866. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

*** 9867. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

* 9868. **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

* 9869. **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarjat Parlamentari jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

* 10550. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10181 u jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija?

27/06/2023

* 10551. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10180 u jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija?

27/06/2023

* 10552. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10179 u jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija?

27/06/2023

* 10553. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10178 u jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija?

27/06/2023

*        **10615.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                    **staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10169, jista' l-Prim Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-lum?

28/06/2023

*        **10616.**      **L-ONOR. IVAN CASTILLO**                    **staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10187 jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-lum?

28/06/2023

*        **10672.**      **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Peress li skont l-aħħar stħarriġ is-salarju medju f'Malta hu ta' €1,850, u peress li l-medju (average) hu sensittiv għal figuri estremi, jista' l-Ministru jgħid x'inhu d-dħul li hu fin-nofs u l-iktar komuni ('median' u 'mode' salary)?

30/06/2023

*        **10673.**      **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hu kkalkulat li hawn ħaddiema li jaqilgħu l-paga minima?

30/06/2023

*        **10674.**      **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hawn ħaddiema li jaqilgħu sa €1,000 fix-xahar?

30/06/2023

*        **10675.**      **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm irċeviet ilmenti l-Malta Public Transport dwar is-servizz fl-2022?

30/06/2023

*        **10676.**      **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm irċeviet ilmenti l-Malta Public Transport dwar is-servizz fl-2023?

30/06/2023

***   10677.   L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid dwar liema kwestjonijiet kienu l-ilmenti li saru dwar it-trasport pubbliku fl-2022?

30/06/2023

***   10960.   L-ONOR. GRAZIELLA GALEA   staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm bdiewa Għawdxin qed iniżżlu l-prodott agrikolu tagħhom fil-Pitkalija, f’Ta’ Qali? X’tip ta’ għajnuna speċifika jingħataw dawn il-bdiewa minħabba l-ispejjeż ta’ trasport li jridu jwettqu biex iwasslu l-prodott tagħhom fil-Pitkalija?

06/07/2023

***   10961.   L-ONOR. GRAZIELLA GALEA   staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienet il-qatla tal-majjal, ċanga u annimali oħra li saret fil-Biċċerija ta’ Għawdex, bejn Jannar 2022 u sal-ġurnata li fiha mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, xahar b’xahar?

06/07/2023

***   10975.   L-ONOR. GRAZIELLA GALEA   staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tgħid x'kien is-sehem ta' Project Green fil-water park ta’ Buġibba? Meta nfetaħ l-ewwel darba dan il-water park? Liema xogħlijiet saru fuq dan il-water park matul din is-sena u kemm ġew jiswew? Liema xogħlijiet saru fuq dan il-water park matul is-sena li għaddiet u kemm ġew jiswew? Tista' tgħid kemm-il water park simili nfetħu mill-Gvern mill-2012 sal-lum u fejn jinsabu?

07/07/2023

***   10976.   L-ONOR. GRAZIELLA GALEA   staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' persuni li nqabdu jgħixu f'Malta u Għawdex, lokalità lokalità, mingħajr il-permessi neċessarji, minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Minn liema pajjiż/ta' liema nazzjonalità kienu dawk li nqabdu hawn Malta mingħajr il-permessi neċessarji (numri separati għal kull pajjiż/nazzjonalità)?

07/07/2023

***   11030.   L-ONOR. GRAZIELLA GALEA   staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10732 dwar importazzjoni ta' laħam, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, u jgħid x’passi qed jieħu l-Ministeru għas-Saħħa biex jassigura li l-ebda laħam li qed jinġieb minn barra mhu qed jinbiegħ bħala li hu prodott lokali hekk kif fl-istess tweġiba ntqal li din il-mistoqsija għandha tgħaddi għand il-Ministeru għas-Saħħa peress li d-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali huwa responsabbli milli jagħmel kontrolli, inkluż it-traċċabilità tal-laħam fil-ħwienet tal-laħam u ħwienet simili?

10/07/2023

*** 11031. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa fuq esperti maħtura fil-Qrati Maltin matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema esperti kienu mqabbda jagħmlu dawn l-istudji u għal liema każi saru dawn l-istudji?

10/07/2023

*** 11033. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' investimenti saru f'dawn l-aħħar ħames snin u kemm kienet in-nefqa fl-Impjant għat-Trattament tal-Ilma ġewwa Tal-Fessej f'Għajnsielem, Għawdex? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' investimenti hemm ippjanati li jsiru f'dan l-impjant fix-xhur li ġejjin u kemm se tkun l-ispiża? Tista' tgħid jekk hemmx il-ħsieb li dan l-impjant jitkabbar biex ilaħħaq mal-popolazzjoni Għawdxija li dejjem qed tiżdied?

10/07/2023

*** 11034. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti n-Negotiated Procedure (Direct Order) li ħareġ reċentement il-Ministeru għal Għawdex 'MGOZ NP 04/2023 - NEGOTIATED PROCEDURE FOR THE MAINTENANCE OF FOTON 100 PER CENT ELECTRIC BUSES' u kemm hu l-valur tagħha? Jista' jgħid għaliex ma ħarġitx sejħa pubblika? Jista' jgħid ukoll minn meta bdew jintużaw dawn l-Electric buses, min kien jagħmel u qed jagħmel il-manutenzjoni fuqhom? Jista' jagħti break down dettaljat minn meta bdew joperaw dawn l-electric buses sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari ta' kemm kienet in-nefqa fuq manutenzjoni u spejjeż oħra u min ġie mqabbad biex jagħmilhom?

10/07/2023

*** 11035. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-raġunijiet għaliex għaddew iktar minn sentejn mill-inawgurazzjoni tal-proġett ta' riġerazzjoni tal-Promenade u l-Menqa ġewwa Marsalforn u għadhom ma sarux u ma ġewx imwaħħla l-Bollards sabiex il-Promenade u l-Menqa jkunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku b'moħħu mistrieħ u mingħajr periklu waqt li jkun qed jimxi?

10/07/2023

*** 11036. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir u x'passi qed jittieħdu biex jitneħħa l-periklu li hemm fi Triq l-Imġarr fil-Qala, Għawdex, kull darba li tagħmel ix-xita wara li kien sar xogħol fuqha fil-leġiżlatura ta' bejn l-2013 u l-2017? X'sar u x'qed isir biex isiru water culverts f'din it-triq peress li qed jinħoloq periklu għas-sewwieqa kif ukoll għar-residenti peress li meta saret it-triq seba' snin ilu, l-ilma tax-xita ntefa' biex jgħaddi minn nofs it-triq? Jista' jiġi kkonsidrat li l-ilma tax-xita jintefa' f'Wied Biljun b'tali mod li ma jagħmilx ħsara lir-raba' li hemm fl-istess Wied?

10/07/2023

*** 11049. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid jekk youth workers jew care workers mat-tfal jgħaddux minn test biex jaraw għandhomx passat kriminali jew tendenzi?

10/07/2023

*** 11050. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn operaturi tal-banek tal-lottu liċenzjati u kemm hemm f'kull raħal?

10/07/2023

*** 11062. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10787, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid, sena b'sena mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm iddaħħlu flus mis-CVA?

11/07/2023

*** 11063. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10743, dwar il-membri tal-Arts Council, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom fid-diversi bordijiet u kumitati u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

11/07/2023

*** 11064. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10744, dwar il-membri tal-Cultural Heritage Advisory Committee, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom fid-diversi bordijiet u kumitati u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

11/07/2023

*** 11079. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9508 u 10103 u 10813 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 393, datata 20 ta' Ġunju 2022, dwar ir-remunerazzjoni mogħtija lis-CEOs fis-settur kulturali, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-"Planning Authority benefits" li qed jirċievi l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament waqt li qed jokkupa l-kariga ta' Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt li għandu? Jista' jgħid għaliex l-aktar persuna influwenti fil-protezzjoni tal-patrimonju kulturali f'pajjiżna, qiegħed jingħata benefiċċji mill-Awtorità tal-Ippjanar? Għal kemm jammontaw dawn il-benefiċċji?

12/07/2023

***        11080.   L-ONOR. JULIE ZAHRA                    staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9506 u 10102 u 10812 u jgħid min huma d-debituri tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali? Jekk il-"miżati ta' eżami u amministrattivi" huma fuq bażi ta' flus kontanti, (irreferi għal paġna 9 tal-istqarrijiet finanzjarji awditjati tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2022) allura min irid jagħti l-flus lis-Sovrintendenza? Jista' jagħti lista komprensiva tad-debituri u l-ammonti rispettivi?

12/07/2023

***        11081.   L-ONOR. JULIE ZAHRA                    staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10816 u jgħid kemm persuni bbukkjaw biex jaraw l-iscreenings li ntwerew waqt il-Mediterrane Film Festival fl-iSpazju Kreattiv, fl-Embassy u fl-Eden Cinema, u kemm minnhom attendew u raw kull screening?

12/07/2023

***        11093.   L-ONOR. MARIO DE MARCO                 staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10108, 10401 u 10635 u jgħid liema individwi, entitajiet u organizzazzjonijiet ingħataw għajnuna mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fis-sena 2022 taħt il-baġit tal-MTA għal 'Marketing - Local & Intl, Digital, Brands, VMIM & Events'?

14/07/2023

***        11094.   L-ONOR. MARIO DE MARCO                 staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 10107, 10400 u 10634 u jagħti rendikont tal-ispiża tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għas-sena 2022 fuq 'Marketing - Local & Intl., Digital, Brands, VMIM & Events' li, skont il-Financial Statements sottomessi fil-Parlament, ammontaw għas-somma totali ta' €56,279,024?

14/07/2023

***        11095.   L-ONOR. CHRIS SAID                     staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 10873, tista' l-Ministru tgħid abbażi ta' liema kriterji ġew appuntati ċ-chairperson u l-membri tal-Engineering Resources Limited u x'expertise għandu kull membru fil-qasam in kwistjoni?

14/07/2023

***        11096.   L-ONOR. CHRIS SAID                     staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10748, li ngħatat fis-Seduta 145 tal-10 ta' Lulju 2023, tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni għalfejn l-Enforcement Decisions Committee mhux kompost? Tista' tgħid x'inhi l-proċedura li qed tiġi segwita da parti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) dwar deċiżjonijiet maħruġin minnha fejn dawn jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' penalitajiet finanzjarji (irrispettivament tal-mod kif deskritti) jew ta' sanzjonijiet oħrajn?

17/07/2023

***    11102.    L-ONOR. IVAN BARTOLO    staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10787, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, u jgħid, sena b’sena mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm iddaħħlu flus mis-CVA?

18/07/2023

***    11103.    L-ONOR. IVAN BARTOLO    staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10791, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, u jgħid meta se jispiċċaw ix-xogħlijiet fuq Triq il-Linja, Wied Rmiedi u Triq id-Dorga, f’Ħ’Attard, u jgħid ukoll kemm se jiġu jiswew?

18/07/2023

***    11104.    L-ONOR. IVAN BARTOLO    staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10796, jista' l-Ministru jgħid matul l-2022 kemm ingħataw bħala għajnuniet, fondi għar-restawr tal-knejjes, djar antiki, ħitan tas-sejjieħ, mid-Direttorat tar-Restawr u jekk minn fondi tal-Unjoni Ewropea taħt liema programm jaqgħu?

18/07/2023

***    11108.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI    staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jara jekk huwiex possibbli li vetturi li jinsabu pparkjati u abbandunati fi Triq il-Qadi, fiż-Żejtun, jiġu mneħħija għaliex qed ikunu ta’ inkonvenjent għar-residenti?

18/07/2023

***    11109.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI    staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 2920 u 5069, jista’ l-Ministru jara li x-xogħlijiet fi Triq Nicola Attard, fiż-Żejtun, isiru billi hemm ħafna persuni li qegħdin ibatu minħabba dan in-nuqqas?

18/07/2023

***    11110.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI    staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-magħruf Salib fiż-Żejtun, li jinsab abbandunat, hux se jiġi restawrat?

18/07/2023

***    11111.    L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI    staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jara li r-rotta 84 fiż-Żejtun ikollha ħinijiet aħjar billi ssir kull 30 minuta u li l-iskedi jinżammu għaliex hemm diversi residenti li qed isofru? Jista' jara wkoll li l-istess rotta tgħaddi minn Triq il-Qadi kollha, ġewwa ż-Żejtun?

18/07/2023

*	**11112.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI		staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jara li l-bus shelters li jinsabu mifruxa fil-lokalità taż-Żejtun jitnaddfu u jiġu miżmuma aħjar billi bħalissa huma mitluqin, kif ukoll diversi passiġġieri qegħdin ibatu minħabba nuqqas ta' lqugħ fis-sajf mix-xemx u fix-xitwa mix-xita?

18/07/2023

*	**11113.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI		staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar l-istat ta' Ġnien il-Kmandant, fiż-Żejtun, u jgħid jekk huwiex qed jiġi miżmum tajjeb u jekk huwiex jinfetaħ regolarment?

18/07/2023

*	**11164.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*	**11165.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*	**11166.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*	**11167.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*	**11168.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*** 11169. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 'l hawn, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

*** 11180. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) biex tisponsorja lid-delegazzjoni taċ-ċikliżmu tal-Vatikan fil-Kampjonat Dinji taċ-Ċikliżmu tal-2023 li sar fi Glasgow bejn it-2 u s-6 ta' Awwissu 2023?

10/08/2023

*** 11181. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid kemm nefqet l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) biex tisponsorja lid-delegazzjoni Maltija taċ-ċikliżmu fil-Kampjonat Dinji taċ-Ċikliżmu 2023 li sar fi Glasgow bejn it-2 u s-6 ta' Awwissu?

10/08/2023

*** 11250. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport dettaljat dwar il-faults li żviluppaw fin-network ta' distribuzzjoni tal-elettriku bejn it-Tnejn 17 ta' Lulju u t-Tnejn 31 ta' Lulju, 2023, inkluż, skont il-każ rispettiv, x'kien l-equipment li żviluppa ħsara u meta kien installat, u/jew x'tip ta' ġonta kienet li żviluppat il-ħsara, min kien il-manifattur, u meta kienet saret?

01/09/2023

*** 11273. L-ONOR. MARIO DE MARCO staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jagħti lista tax-xogħlijiet illi saru mit-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) għas-snin 2021, 2022 u 2023?

04/09/2023

*** 11274. L-ONOR. MARIO DE MARCO staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jindika kemm swew b'mod individwali l-varji xogħlijiet illi saru mit-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) għas-snin 2021, 2022 u 2023 u jispeċifika f'liema lokalità saru dawn ix-xogħlijiet?

04/09/2023

*        **11275.    L-ONOR. MARIO DE MARCO                    staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus mit-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA) fiż-żona ta' San Ġiljan u Tas-Sliema fis-snin 2021, 2022 u 2023?

04/09/2023

*        **11276.    L-ONOR. MARIO DE MARCO                    staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-persuni impjegati mat-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA)?

04/09/2023

*        **11335.    L-ONOR. GRAHAM BENCINI                    staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-proġett tal-indoor pool fil-Cottonera Sports Complex li huwa stess qal li kien se jitlesta sa Diċembru tal-2020, tlesta kważi tliet snin tard?

07/09/2023

*        **11336.    L-ONOR. GRAHAM BENCINI                    staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid għaliex l-ispiża tal-indoor pool fil-Cottonera Sports Complex żdiedet għal €14-il miljun, mit-€8 miljun li kien ġie budgeted, kif kien intqal fl-istqarrija (PR190472) tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, tas-07 ta' Marzu 2019, fiż-żmien fejn hu stess kien is-Segretarju Parlamentari?

07/09/2023

*        **11337.    L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT    staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tieni sejħa intiża li tgħin għaqdiet volontarji u non-governattivi li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-ilma tagħhom, li kienet ġiet imħabbra mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA) fit-30 ta' Marzu 2021, tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-applikanti, u kemm kienu dawk l-applikazzjonijiet li ġew aċċettati? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom irċevew il-fondi, kemm minnhom għadhom jistennew li jirċivuhom, u kemm ġew rifjutati?

11/09/2023

*        **11380.    L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT    staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tagħti break down tar-rata li biha nbiegħ kull kWh li ġġenerat l-Enemalta fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, liema tabella tgħid kemm kien hemm units li ma ġewx billed (mitlufa f'ineffiċjenzi/losses fil-ġenerazzjoni jew sistema ta' distribuzzjoni u/jew misruqa)? Tista' tgħid ukoll b'kemm tħallsu l-units li ġew billed (kemm units tħallsu bl-10c47, kemm units tħallsu bit-12c98, eċċ), possibbilment maqsuma f'tabelli separati għal dawk domestiċi, residenzjali u kummerċjali (non-residential)?

12/09/2023

*** 11381. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tispjega n-nefqa tal-Carbon Credits mill-estimi finanzjarji, u tagħti break down ta' fejn qed tmur din in-nefqa? Tista' tgħid jekk il-Gvern għandux xi dħul relatat ma' carbon credits?

12/09/2023

*** 11382. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern dwar biofuels, inkluż ethanol E5 u E10, fid-dawl tad-Direttivi Ewropej dwar Biofuels?

12/09/2023

*** 11383. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal jew xi żviluppi kien hemm dwar il-Green Island wind energy project li kien intqal li se jiġġenera l-enerġija għal Għawdex fi Frar 2021, u li kellhom jinġiebu fondi mill-EU Innovation Fund? Tista' l-Ministru tikkonferma li dan hu l-istess proġett li l-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kienet ħabbret li qed tikkoperw fuqu mal-Gvern Malti u tgħid jekk għadhiex involuta fih?

12/09/2023

*** 11446. L-ONOR. KAROL AQUILINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna hija mniżżla fir-Reġistru ta' professjonisti legali u ditti legali bħala li għandha fil-pussess tagħha warrant biex tipprattika bħala avukat skont l-artikolu 88D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)?

25/09/2023

*** 11447. L-ONOR. KAROL AQUILINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna hija mniżżla fir-Reġistru ta' professjonisti legali u ditti legali bħala li għandha fil-pussess tagħha warrant biex tipprattika bħala prokuratur legali skont l-artikolu 88D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)?

25/09/2023

*** 11448. L-ONOR. KAROL AQUILINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ditta legali hija mniżżla fir-Reġistru ta' professjonisti legali u ditti legali skont l-artikolu 88D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)?

25/09/2023

*** 11449. L-ONOR. KAROL AQUILINA staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-Reġistru ta' professjonisti legali u ditti legali stabbiliti bis-saħħa tal-artikolu 88D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta)?

25/09/2023

***  11450. L-ONOR. KAROL AQUILINA  staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' jgħid l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċieva l-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali mid-data tat-twaqqif tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti għadhom pendenti?

25/09/2023

***  11451. L-ONOR. KAROL AQUILINA  staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il investigazzjoni beda fuq inizjattiva tiegħu stess il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali mid-data tat-twaqqif tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-investigazzjonijiet għadhom pendenti?

25/09/2023

***  11460. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI  staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid x'wassal biex il-persuna, li d-dettalji dwarha qed jingħatawseparatament, permezz tal-memo Ref. No. IM SVP. 81/2023 ħabbret lill-impjegati tar-Residenza San Vinċenz De Paul li ser tkun qed tirriżenja minn Kap Eżekuttiv bl-iskuża li ser tiffoka fuq il-professjoni medika tagħha, meta nafu li hija baqgħet teżerċita l-professjoni medika tagħha minkejja l-kariga ta' Kap Eżekuttiv? Jista' jgħid jekk intalbitx tirriżenja minnu jew minn xi uffiċjal fi ħdan il-Ministeru, u jekk iva jista' jgħid għaliex saret din it-talba?

25/09/2023

***  11461. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI  staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid min ser ikun il-Kap Eżekuttiv il-ġdid ta' San Vinċenz de Paul? Jista' jgħid ukoll meta ser jibda t-terminu l-ġdid tiegħu u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet kollha tal-kuntratt tiegħu?

25/09/2023

***  11462. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI  staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10724 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

25/09/2023

***  11463. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI  staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10720 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

25/09/2023

*   **11464. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10721 u jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

25/09/2023

*   **11465. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10718 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

25/09/2023

*   **11507. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba kien hemm biex tinfetaħ medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja li wasslet għal ftehim bonarju, sena b'sena mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

26/09/2023

*   **11508. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm medjaturi rreġistrati maċ-Ċentru tal-Medjazzjoni għal Malta sal-lum? Jista' jindika kif inhuma mqassmin skont l-ispeċjalizzazzjonijiet tagħhom?

26/09/2023

*   **11509. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tax-xogħlijiet li saru b'rabta mar-riġenerazzjoni tal-Iskola Primarja tar-Rabat, li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Nikola? Jista' jgħid ukoll x'kien l-investiment globali f'dan il-proġett?

26/09/2023

*   **11510. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' żgħażagħ li se jkunu qed jattendu l-programm Youth.inc offrut mill-Aġenzija Żgħażagħ f'din is-sena skolastika?

26/09/2023

*   **11538. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-menus li bihom jagħżlu l-ikel l-anzjani fid-djar tal-anzjani, jiġux mħejjija flimkien ma' professjonisti magħrufa bħala nutritionists u dieticians?

27/09/2023

*** 11539. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’tip ta’ electrical generator jinstab fl-Isptar Mount Carmel biex jiġġenera l-elettriku meta dan jinqata’? Jista jgħid ukoll min hu responsabbli tal-manutenzjoni tiegħu u kull meta jsir il-manutenzjoni u t-testing?

27/09/2023

*** 11540. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’wassal għall-għażla ta’ single use nail clippers fis-settur tal-Podjatrija minflok dawk li jiġu sterilizzati? X’inhi n-nefqa fuq dawn l-istrumenti u kemm ser ikun qed jiffranka finanzjarjament il-Gvern fuq kull strument meta mqabbel ma’ dawk li kienu jintużaw qabel li jiġu użati iktar minn darba wara li jiġu sterilizzati?

27/09/2023

*** 11541. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tgħid fiex wasal ix-xogħol ta’ manutenzjoni tat-triq li waqgħet iktar minn sentejn ilu f’Wied il-Qlejgħa?

27/09/2023

*** 11542. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tgħid għaliex intefgħet ħamrija/trab/terrapien li ma kienx jinstab b’mod naturali f’Wied Għeriexem ta’ bejn l-Imtarfa, ir-Rabat u l-Imdina? Tista’ tgħid ukoll jekk dan hux ser jibqa’ hemmhekk u jekk hemmx xi pjan ta' azzjoni?

27/09/2023

*** 11543. L-ONOR. IAN VASSALLO staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-carers fi ħdan Mount Carmelli kien fadlilhom biss 6 ġimgħat kors biex isiru nursing aides (scale 12) ġew informati li jibdew il-kors mill-bidu l-MCAST għal sentejn? Jista’ jgħid ukoll għaliex mhux ser isir dan il-kors?

27/09/2023

*** 11579. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jindika kemm kienu dawk l-istudenti li attendew is-SEC Revision Classes matul ix-xhur tas-sajf tal-2023?

28/09/2023

*** 11580. L-ONOR. NAOMI CACHIA staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-programm tas-SEC Revision Classes? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-klassijiet li qed jingħataw, u min jista' jibbenefika?

28/09/2023

***  11615.  L-ONOR. GRAHAM BENCINI  staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 517, tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm xi żviluppi fid-diskussjonijiet dwar jekk is-sidien ta' garage spaces jistgħux japplikaw għall-EV Meters? U jekk iva, x'kienu l-iżviluppi?

28/09/2023

***  11616.  L-ONOR. GRAHAM BENCINI  staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega r-raġuni għaliex il-Continuous Glucose Monitors, sa issa, qed jingħataw b'xejn biss, lill-pazjenti Diabetic Type 1 sal-età ta' 35 sena u mhux lill-pazjenti kollha Diabetic Type 1, meta monitors bħal dawn jistgħu jfissru li jsalvaw il-ħajja ta' pazjent? Jista' jagħti data preċiża sa meta dawn il-Continuous Glucose Monitors se jingħataw b'xejn lill-Pazjenti Diabetic Type 1 kollha, ta' kull età?

28/09/2023

**MOZZJONIJIET**

**161. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-ONOR. JONATHAN ATTARD, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kap. 55".

10.07.2023

**166. IL-MINISTRU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA, L-ONOR. JO ETIENNE ABELA, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2023 dwar l-Awtorità tal-Istandards għal Persuni Anzjani".

05.09.2023

**167. IL-MINISTRU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ, L-ONOR. IAN BORG, jipproponi li:**

Il-Parlament ta' Malta jissieħeb bħala Associate Delegation fl-Assemblea Parlamentari tan-North Atlantic Treaty Organisation (NATO), u dan sabiex delegazzjoni ta' Membri tal-Parlament Malti li jkunu maħtura permezz ta' mozzjoni parlamentari jkunu jistgħu jipparteċipaw, dejjem ai termini ta' Artiklu 1 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-laqgħat ta' din l-Assemblea fejn jiġu diskussi materji li jappartjenu għas-sigurtà u d-difiża, fost oħrajn; u

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, jiġi inkarigat sabiex iwassal l-interess tal-Parlament Malti li jissieħeb fl-Assemblea Parlamentari tan-NATO.

22.09.2023

**168. IL-MINISTRU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI, l-Onor. Clifton Grima, jipproponi:**

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, Kap. 607".

25.09.2023

**169. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Ċivili, Kap. 16"

27.09.2023

**170. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap 9"

27.09.2023

**171. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi artikoli fil-Kodiċi Kriminali, sabiex jintroduċi dispożizzjonijiet addizzjonali li jirregolaw u jimponu r-responsabiltà kriminali għall-użu ħażin mill-komunikazzjoni elettronika, jemenda d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċess verbali, jissostitwixxi l-kunċett tat-traffiku fil-persuni b'dak tal-kuntrabandu ta' persuni u jimponi pieni għal reati relatati mal-kuntrabandu ta' persuni, kif ukoll jagħti setgħat lill-Pulizija sabiex teżegwixxi allerti skont is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Kap. 9"

27.09.2023

**172. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9"

27.09.2023

**173. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, l-Onor. Jonathan Attard, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati ta' Kondotta, Kap. 77"

27.09.2023

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Diskussjoni mingħajr Vot dwar il-futur tal-Air Malta (Kont.)

2. Abbozz Nru 63 – Abbozz ta' Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru – Tieni Qari – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali

3. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

4. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

5. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

6. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

7. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

8. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

9. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

10. Abbozz Nru 37 – Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**2 ta' Ottubru 2023**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika se jiltaqa' nhar i**t-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023 fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Każ K/027) (Kont.); u
3. Xogħol ieħor

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 4 ta' Ottubru 2023 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali 2022 maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Persuni Anzjani;
3. Diskussjoni dwar suġġetti li għandhom jiġu diskussi mill-Kumitat; u
4. Affarijiet Oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2023 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Smigħ fir-rigward tan-nomina tas-Sa Rhoda Garland għall-ħatra ta' Kummissarju għad-Drittijiet ta' Persuni b'diżabilitajiet; u
3. Smigħ fir-rigward tan-nomina tal-Brigadier Jeffrey Curmi għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta, residenti ġewwa l-Olanda.

### KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023, fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Rapport Annwali u stqarrijiet Finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2022 u Estimi Finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2024.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 62 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol
Abbozz Nru 50 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**2 ta' Ottubru 2023**